HAL BALZAN

IL-HAMES SENA NRU. 26 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — NOVEMBRU/DIĊEMBRU 1975

EDITORJAL

KALENDARJU 1976

Ftit huma dawk il-Balzanin li għadhom ma kisbux il-kalendarju għas-sena d-dieħla li ġie stampat għall-ewwel darba mill-Kunsill Ċiviku ta' Ħal Balzan bl-inizjattiva ta' din il-gazzetta. Dan nistgħu ngħiduh wara l-laqgħa tajba li kellu dan il-kalendarju, għax intgħoġib u nħataf aktar milli stennejna aħna. U dan bir-raġun kollu, għax aħna għamilna l-ħila tagħna kollha biex nagħtu lill-Balzanin kalendarju sabiħ, informattiv, u preżentabbli bl-irħas prezz possibbli, kalendarju li jkun jista' jinżamm b'tifkira wkoll wara li tgħaddi s-sena 1976. Dan qed ngħiduh mhux biex indoqqu t-trombi tagħna stess, imma s-sewwa ma jista' jħassru ħadd. Kien bidu tabilħaqq tajjeb li jawguralna aktar suċċessi għall-ġejjieni.

MILIED NISRANI

Jekk hemm festa matul is-sena li tgħaqqad il-bnedmin kollha, tista' tgħid, ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, din hija żgur il-festa tal-Milied, festa għażiża u qaddisa li donnha fiha ċertu seħer li jħoll il-qlub ta' kulħadd. Iżda kif jiġri ħafna drabi, dak li hu spiritwali faċli jitħallat ma' dak li hu materjali, jekk ma jiġrix li l-ispiritwali jintefa' fil-ġenb. U dan ġara fil-każ tal-festa tal-Milied f'ħafna pajjiżi fid-dinja u qed jiġri, sfortunatament, f'Malta wkoll. Għax, ngħiduha kif inhi, m'hawnx nies li jagħżlu s-sigra tal-Milied mill-presepju jew il-Bambin? M'hawnx nies li jippreferu jgħaddu l-lejl tal-Milied fil-'parties' u l-ballijiet u ma jersqux għall-quddiesa għażiża ta' nofs il-lejl? Ma jeżistux nies li jibagħtu 'l xulxin kartolini tal-Milied li juru kollox barra l-xbiha ta' Ġesù Bambin jew għallinqas xi xbiha b'tifkira nisranija?

Dan huwa għajb għalina bħala poplu nisrani li nwarrbu fil-ġenb il-vera tifsira nisranija ta' din il-festa kbira. Dan qed ifakkarni f'karikatura li kienet dehret fi żmien il-Milied f'gazzetta Amerikana. Kienet turi lill-Bambin iħares lejn vetrina mimlija b'kull xorta ta' ġugarelli u ħwejjeġ oħra tal-logħob, li l-ebda waħda minnhom ma kellha x'taqsam mal-Milied. Il-Bambin jidher igħid: "Nistagħġeb ta' min hu l-'birthday' li qegħdin jiċċelebraw!" Tgħid wasal iż-żmien li nerġgħu nivvalutaw mil-ġdid il-festa tal-Milied u nerġgħu nagħtuha bixra nisranija?

IL-FOLJETT PARROKKJALI

Minn Ottubru li għadda, il-Kappillan beda joħroġ foljett ta' kull xahar imsejjaħ "Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Balzan", li fih jingħata t-tagħrif kollu parrokkjali li jkollu bżonn il-poplu għal matul ix-xahar. B'hekk il-poplu jżomm ruħu nfurmat bl-attivitajiet kollha reliġjużi tal-Parroċċa. Illum il-ħtieġa ta' dan il-foljett tinħass aktar minn qabel, billi l-attivitajiet ta' kull xorta żdiedu u huwa diffiċli ħafna li wieħed iżomm f'moħħu l-impenji kollha li jkollu għal matul ix-xahar.

Ħadna pjaċir ħafna bil-kelmiet tal-Kappillan fl-ewwel ħarġa ta' dan il-foljett fejn wera l-apprezzament tiegħu għall-gazzetta tagħna u nwegħduh li bħalma huwa lest li jibqa' jgħin lilna hekk aħna lesti li nibdew ngħinu lilu. Nixtiequ kull suċċess lill-foljett parrokkjali l-ġdid.

TARMAK

Fiż-żmien li ħareġ l-aħħar għadd tal-gazzetta tagħna, kien qed isir il-kisi bit-tarmak tat-Triq il-Kbira ta' Ħal Balzan. Dan kien parti mill-programm tal-Gvern għall-kisi tat-toroq bit-tarmak. Ħadna pjaċir li r-raħal tagħna messu wkoll minn dan il-programm u nittamaw li aktar toroq f'Ħal Balzan jinksew bit-tarmak għal aktar kumdità tal-poplu u tassewwieqa.

THE BOOKWORM
NAXXAR ROAD, B'KARA
Telephone: 45269
BOOKSELLERS
STATIONERS
NEWSAGENTS
EDUCATIONAL TOYS

IL-KNISJA PARROKKJALI (14)

IL-KOPPLA

L-ISKULTURA TAL-KOPPLA

Kif semmejna fil-ħarġa li għaddiet tal-gazzetta tagħna, ix-xogħol ta' l-Iskultura nbeda nhar it-3 ta' Settembru 1707. (1) Fiex tikkonsisti din l-iskultura? Mhux faċli li tgħid u tidħol biex tiddeskrivi d-dettalji kollha ta' din l-iskultura. Insemmi biss xi ħaġa żgħira: l-ornamenti ta' madwar it-twieqi, imfaħħrin mill-Isqof David Cocco Palmieri fir-relazzjoni tal-viżta tiegħu tal-20 ta' Mejju 1709 (2). Insibu fuq kull waħda minn erbgħa mit-twieqi l-kbar hemm żewġ puttini bil-qiegħda fuq ilgwarniċa tat-tieqa li jidhru qed jilagħbu ma friegħi tal-palm. Fuq l-erba' twieqi l-oħra kbar hemm arzella li tistrieħ fuq il-gwarniċa tat-tieqa. Insibu wkoll uċuħ ta' anġli kbar li jkomplu jiddekoraw it-twieqi, kif ukoll girlandi ta' weraq li jibqgħu niżlin mal-ġnub ta' kull tieqa.

Jekk l-ornamenti msemmija jirrendu lil din il-Koppla bl-isem ta' Klassika, x'ingħidu għat-tmien "Cariatidi" li qegħdin bejn kull tieqa?



Il-"Cariatidi"

Il-Koppla hi ta' Ordni Joniku Antik. Għal din ir-raġuni, it-tmien "Cariatidi" jaqblu ħafna ma' dan l-Ordni u jkomplu jagħtu sebħ u ġmiel lil dan l-Ordni Joniku. Permezz ta' dawn il-"Cariatidi", il-parti ta' fuq tal-Koppla tidher donnha qed tirpoża fuqhom. Dawn il-"Cariatidi", kif ukoll ix-xogħol l-ieħor delikat ta' l-iskultura li jżejjen l-Koppla, jirrenduha unika f'Malta.

Minn fejn ġiet l-idea ta' dawn il-"Cariatidi" fil-Koppla? L-idea oriġinali tal-"Cariatidi" insibu li l-ewwel ma bdiet fil-Greċja. It-tieni bini kbir reliġjuż ta' l-Acropolis ta' Atene, l-Erechtheum, mibni wara li l-Partenone kien lest, wara l-mewt ta' Fida 437 u 432 qabel Kristu, insibuh imżejjen minn għadd ta' "Cariatidi". (3)

Għal min ma jafx, il-"Cariatidi" tal-loġġja ta' l-Erechtheum huma xbihat ta' tfajliet skolpiti fil-ġebel li jiffiguraw is-saċerdotessi tat-tempju li kienu jġorru fuq rashom kannestri bl-affarijiet tal-kult tas-santwarju ta' Afrodite. Dawn il-figuri tat-tfajliet bil-kannestri fuq rashom li qed iservu ta' kolonni f'din il-loġġja ta' l-Erechtheum, ġew imsejħa "Cariatidi". (4)

Seton Lloyd, meta kiteb dwar: "Ancient and Classical Architecture" bħala kontribuzzjoni għall-Volum "World Architecture", wara li qalilna li l-Erechtheum kien inawgurat fis-sena 421 qabel Kristu, ikompli jgħidilna: "In another porch, sculptured human figures are substituted for columns; the famous caryatides. Structural sculptures of this sort were a device not unknown to the Greeks. In the Doric temple of Zeus at Agrigentum, built in 480 B.C., and distinguished also by a solid outer wall to which columns were attached, human figures supported the roof of the cella." (5)

Niġu issa għall-"Cariatidi" tal-Koppla tal-Parroċċa. Dawn il-"Cariatidi" huma figuri ta' rġiel u nisa ta' etajiet differenti. Partikularita' oħra hija li tidher biss tliet kwarti mill-persuna tagħhom u jidhru qed jerfgħu fuq daharhom, min b'id waħda u min b'żewġ idejn, parti żgħira minn kolonna li tispiċċa b'kapitell Joniku. Kif nistgħu nsejħu "Cariatidi" l-figuri tal-Koppla, meta dawn la huma figuri ta' nisa biss, la għandhom fuq rashom kannestri, u lanqas ma huma wżati bħala kolonni? Hekk forsi xi ħadd jista' jistaqsi. Għal din id-diffikulta' jwieġbu l-Professuri John Fleming, Hugh Honour u Nickolaus Pevsner. Dawn it-tliet professuri jagħtuna l-etimoloġija tal-kelma "Cariatide". Igħidulna: "Caryatid — a sculptured female figure used as a column, as on the Erechtheum. The term is also applied loosely to various other columns and pilasters curved wholly or partly in the form of human figures: Atlantes (male caryatids), Canephorae (females carrying baskets on their heads), Herms, (three-quarter — length figures on pedestals), Telamones (another name for Atlantes), and Terms (tapering pedestals merging at the top into human, animal, or mythical figures)". (6)

• għal paġna 3.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

KALENDARJU 1976

Għadek ma ħsibtx għal kopja tal-Kalendarju tas-sena d-dieħla?
Għad baqa' biss ftit kopji. Aħseb għal waħda u ibgħatha lil qrabatek imsefrin. Żgur li jieħdu pjaċir jerġgħu jġeddu t-tifkiriet tagħhom ta' Ħal Balzan u l-festa tal-Lunzjata.
Kellmu jew ċemplu lil:

* **Is-sur Carmel Bezzina — 11, Triq San Valentinu, Ħal Balzan. Tel. 42459**
* **Is-sur Valentino Muscat — 238, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Tel. 42597**

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN
c/o Każin tal-Banda 'San Gabriel' Ħal Balzan.

Stampata fil-Lux Press Ħamrun.

Kazin tal-Banda 'San Gabriel'

KUMITAT GĦAS-SENA 1975-1976

President Onor.: In-Nobbli Konti Frans Manduca Azzopardi.
President: Gabriel Caruana.
Segretarju: Guido Borg.
Kaxxier: Valentino Muscat.
Viċi-President: Calcidonio Micallef.
Ass. Segretarju: Dominic Muscat.
Ass. Kaxxier: Lino Borg.
Delegati tal-M.B.C.A.: Abraham Muscat, Alfred Muscat.
Direttur tal-Club: Mario Spiteri.
Direttur tal-Bar: Geraldu Ebejer.
Direttur tal-Billiard: Carmelo Micallef.
Direttur tal-logħob tan-nar: Valentino Azzopardi.
Delegati tal-M.B.C.A. Abraham Muscat, Alfred Muscat.
Membri: Nazju Magro.
Direttur Spiritwali: Dun Ġwann Zammit Hammet.

GĦALINA Z-ŻGĦAŻAGĦ

INTERVISTA DWAR L-GĦAQDA ŻGĦAŻAGĦ BALZANIN

Ħbieb,

Insellmulkom, u biex niftħu din il-paġna ddeċidejna li nagħmlu intervista lill-membri ta' għaqda li isimha jikkonċerna lilna, iż-żgħażagħ. Qegħdin nirreferu għall-'Għaqda Żgħażagħ Balzanin'.

Aħna morna fis-saa tar-raħal fejn il-membri kienu qed jagħmlu kunċert għall-programm tagħhom, u hemm iltqajna mal-President tal-Għaqda, is-sur Christopher Attard. Hawnhekk nixtiequ ngħidu li ġejna megħjunin ħafna mis-sur Paul Licari. Lill-President staqsejnieh biex jagħtina xi tagħrif dwar l-Għaqda. Huwa qalilna li l-Għaqda ilha mwaqqfa ħames snin u l-anniversarju uffiċjali tagħha huwa fit-28 ta' Ottubru. Membri fl-Għaqda hemm bejn it-18 u 24. Is-sur Attard qalilna li l-Għaqda tagħti wirjiet f'diversi soċjetajiet filantropiċi, organizzat xi ħarġiet bil-private lit-tfal ta' stituti, u l-membri kienu ħadu dawra lil sitt nisa xjuħ mir-raħal u wara laqqgħuhom ma' xjuħ oħra għand il-Kontessa Chapelle Paleologo għat-te. Għall-festi tal-Milied il-membri jmorru jkantaw 'Christmas Carols' f'diversi rħula ta' Malta. Xi sentejn ilu, qalilna s-sur Attard, l-Għaqda kienet tat programm fis-Sala Aurora, Mosta, Żejtun u Tarxien ma' l-'Education Culture Group' li kien jikkonsisti f'Folk u Poeżija. Ħadet sehem ukoll f'attivitajiet ta' l-'Unesco Club'. Il-membri għamlu żmien iqassmu wkoll din il-gazzetta f'ċerti triqat tar-raħal.

Fiex jikkonsistu l-wirjiet li tagħtu għas-soċjetajiet filantropiċi?

"Meta nżuru lill-morda u x-xjuħ ikunu jikkonsistu f'qari diversi, kant u logħob varjat. Barra minn hekk, nitħalltu ma' l-invaldati u naraw fiex nistgħu ngħinuhom. Nagħmlu wkoll diversi attivitajiet bejnietna, bħal hikes, parties u affarijiet simili. Għandna xi membri li biħsiebhom jieħdu sehem fid-'Duke of Edinburgh Award Shceme'."

Fil-Għaqda kemm hemm membri Balzanin?

"Tnax", qalilna l-President. Staqsejnieh jekk qattx għamlu xi stedina liż-żgħażagħ Balzanin biex jissieħbu mal-Għaqda. Ir-risposta kienet fin-negattiv, imma l-President xtaq jagħmel l-ewwel stedina lil żagħżagħ 'il fuq minn erbatax-il sena fuq din il-gazzetta. Min jixtieq jidħol jissottometti ismu lil xi membru tal-kumitat. L-Għaqda tiltaqa' kull nhar ta' Sibt wara nofs in-nhar fi Stella Maris School, St. Francis Street, Ħal Balzan.

Għall-mistoqsija ta' kemm-il wirja jagħtu fis-sena, il-President weġibna li jagħtu diversi wirjiet, u darba fis-sena fir-raħal.

Il-programm li tagħmlu f'Ħal Balzan ikun miftuħ għall-pubbliku?

"Le, aħna nistiednu lill-kumitati tal-għaqdiet soċjali tar-raħal, ex-membri, ġenituri tal-membri, u ħbieb tagħhom."

Hawnhekk aħna ssuġġerejna li żgħażagħ Balzanin li jkunu jixtiequ jattendu javviċinaw lil xi membru tal-kumitat għall-invit. Is-sur Atard weġibna li se jieħu nota tas-suġġeriment.

Qabel ma għalaqna l-intervista mal-President, huwa xtaq jirringrazzja lill-Kappillan talli tahom il-faċilitajiet tas-Sala Aurora b'xejn u lis-sorijiet ta' Stella Maris School talli jagħtuhom post għal-laqgħat tagħhom.

Qabel ma ħriġna mis-sala, aħna għamilna intervista qasira lil żewġ membri tal-Għaqda. Dawn kienu s-sinjorina Anġela Ebejer minn Birkirkara u s-sur Roger Xuereb Archer minn Ħal Balzan.

Kif sirtu tafu biha l-Għaqda u kif dħaltu fiha?

Angela — "Avviċinatni membru tal-Għaqda fil-Prize Day ta' l-iskola, ġejt magħha u dħalt."

Roger — "Avviċinani Paul Licari u għedt bejni u bejn ruħi, ħa nipprova, għoġobni, u s'intendi bqajt".

X'taħseb mill-Għaqda u x'ħadt minnha personalment?

Angela — "L-Għaqda tagħmel ħafna attivitajiet li jogħġbu ħafna l-gosti tiegħi. Jien kelli ċertu biżgħa min-nies inkapaċitati u bis-saħħa tal-Għaqda tgħallimt immur aktar magħhom".

Roger — "Interessanti ħafna u tgħin lil ħafna nies. Tgħallimt immur aktar man-nies."

Il-ġenituri x'jaħsbu fuq l-Għaqda?

Angela — "Ħadu pjaċir li dħalt fiha."

Roger—"Ma sabu l-ebda oġġezzjoni."

X'taħsbu mill-konkorrenza taż-żgħażagħ Balzanin?

Angela — "Hemm bżonn li nħeġġuhom aktar."

Roger — "Hemm ħafna konkorrenza għall-attivitajiet sportivi, jista' jkun li m'hemmx inċentiv biżżejjed għall-attivitajiet kulturali."

Taħsbu li l-Għaqda tista' tagħmel xi ħaġa biex tinkoraġġixxi aktar konkorrenza?

Angela — "L-ebda risposta".

Roger — "Tista'. Ħsieb hemm u qiegħed jiġi diskuss mill-kumitat".

Biex nagħlqu, sieħbi għamel intervista qasira lil żewġ żgħażagħ Balzanin. Dawn kienu s-sur Mario Vella u s-sur Pullu Mallia.

Tafu biha l-Għaqda Żgħażagħ Balzanin, u jekk iva, tafu fiex tikkonsisti?

Mario — "Iva, ħbieb, sirt naf fuqha xi ftit xhur ilu meta ġew jagħmlu l-kunċerti fis-Sala Aurora, imma ma nafx fiex tikkonsisti".

Pullu — "Ma nafx biha."

Din hija Għaqda Letterarja. Ikollkom tattendu xi programm tagħhom jew tidħlu fiha tmorru?

Mario — "Nidħol fiha ma nistax għax impenjat f'postijiet oħra."

Pullu — "Kien ġie wieħed u qalli li hawn xi Għaqda Letterarja imma kont irrispondejtu li la ma nafx biha jien m'hawnx. Nitħajjar kieku nattendi għal xi programm u anke forsi nidħol fiha."

U b'hekk nagħlqu din l-intervista li nispera li sibtuha interessanti. Għal darba oħra.

IL-BALAVOSTRI FUQ IL-BEJT TAL-KNISJA

JIKTEB IL-KANONKU DUN SPIR SAMMUT

ĦADT PJAĊIR NAQRA L-EDITORJAL TA' L-AĦĦAR ĦARĠA TAL-GAZZETTA "ĦAL BALZAN" DWAR 'IL-BALAVOSTRI FUQ IL-BEJT TAL-KNISJA'. QRAJT UKOLL LI META RRIDU AĦNA L-BALZANIN NAFU NIEĦDU L-AFFARIJIET BIS-SERJETÀ ĠALADARBA L-ĦAĠA GĦANDHA SSIR.

Jien nixtieq nagħti daqsxejn ta' stampa ta' kif l-affarijiet żviluppaw s'issa, u jien irrid inkun sinċier f'dan li sa nikteb biex kulħadd ikollu idea ċara. Meta sar disinn tal-knisja komplit bil-balavostri u bil-gastri, jiena u l-kappillan eżaminajna dan id-disinn u jiena fehimtu li ma fih l-ebda difett; għalhekk il-kappillan qalli li jkun aħjar nuruh lil xi perit biex ikun moħħna kwiet. Jiena qbilt miegħu, anzi għedtlu li nuruh lil aktar minn wieħed. Jiena wrejtu lil xi periti, li fosthom kien hemm min huwa awtorevoli ħafna f'din il-materja għax għandu teorija u esperjenza twila. Appena ra d-disinn, u wara li eżaminah sewwa, qalli: Tajjeb, tajjeb ferm, u sa jkollkom knisja sabiħa u komplita. Meta qalli hekk, jiena komplejt ngħidlu sabiex jekk hemm xi ħaġa li hemm bżonn nikkoreġuha jgħidli, għax aħna l-knisja ma rridux nimmankawha iżda nipperfezzjonawha. Iżda huwa kompla jgħidli li ma hemm xejn x'wieħed jikkritika għax m'hemm xejn ħażin. Għalhekk il-kappillan, konvint minn dak li għedtlu għax kien jaf lil min ikkuntattjajt, serraħ moħħu u bdejna x-xogħol.

Fl-intervall, il-kappillan irċieva ċirkulari mill-Kurja li fiha qalulu li biex isiru xi alterazzjonijiet fil-knejjes hemm bżonn il-permess tal-Kurja. Il-kappillan ippreżenta d-disinn lill-ġunta tal-Kurja, kif suppost, u sfortunatament ir-risposta kienet negattiva. Wara li jiena ndagajt, fhimt li fil-ġunta ma kienx hemm nies kompetenti li jafu jieħdu din id-deċiżjoni, u għalhekk jiena mort f'ras il-għajn u fehimtu li din id-deċiżjoni ma kenitx teoretikament u arkitettonikament korretta.

L-awtorità tatni parir biex nikkuntattja lil xi periti. Jiena kkuntattjajt disa' (9) periti, u wara li tajthom id-disinn u eżaminawh tajjeb, ir-riżultat kien li ħadd minnhom ma għamel xi osservazzjoni jew ikkritika xi ħaġa, anzi kollha approvawh. Jiena ma nsemmix isimhom dawn il-periti biex ma noffendix il-prudenza tagħhom.

Il-Kappillan informa lill-Awtorità bl-approvazzjoni tal-periti, u s'issa l-Awtorità għadha ma tkellmet xejn.

Jiena jidhirli li ma stajniex nagħmlu aħjar milli għamilna, meta kkuntattjajna nies kompetenti u li huma awtorità fl-arti arkitettonika, biex dak li nagħmlu nkunu ċerti li sa nagħmluh sew u biex inkomplu nsebbħu l-knisja.

Jiena qed nesiġi li jsiru l-balavostri għaliex m'aħniex nitolbu xi ħaġa eċċezzjonali għall-knisja tagħna, għax f'Malta u Għawdex hawn diversi knejjes li għandhom l-apramorta bil-balavostri u bil-gastri; u fuq kollox irrid insemmi tlieta biss prinċipali f'Ruma li huma monumentali u li għandhom l-apramorta bil-balavostri. Dawn huma l-knisja ta' San Pietru fil-Vatikan, Santa Maria Maggiore, u San Pawl fuori le mura, barra minn diversi oħrajn ġo Ruma stess.

Jiena nispera li l-Balzanin konvinti minn dan li ktibt fuq il-knisja tagħna, speċjalment meta ma hemm l-ebda impediment arkitettoniku u diġà hemm iżjed minn nofs ix-xogħol lest. Ma nħallux din l-opra tmut fuq ommha iżda noħduha bis-serjetà kif ħadna tal-pittura u hekk ikollna knisja komplita kif kulħadd jixtieq.

SERATA VARJATA MILL-BALZAN YOUTH CENTRE

Nhar is-Sibt, 15 ta' Novembru, iż-żgħażagħ tal-'Balzan Youth Centre' ippreżentaw Programm varjat fis-sala Aurora. Il-programm kien jiġbor fih mima ta' "Jesus Christ Superstar", varjetà ta' kant minn Father David Azzopardi, u fl-aħħarnett farsa mill-istess żgħażagħ. Il-programm kien suċċess, u ż-żgħażagħ urew il-ħila u t-talent tagħhom hekk li kulħadd ħareġ sodisfatt. Aħna nifirħu liż-żgħażagħ tal-'Balzan Youth Centre' u nawgurawlhom aktar suċċessi għall-ġejjieni.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —

SAQQIJIET,

IMHADED,

CUSHIONS U

AFFARIJIET OHRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM MALTA LIMITED
Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

CORDINA HALL
CARMEL STREET, BIRKIRKAKRA
TINKERA GĦAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS,
U KULL OKKAŻJONI OĦRA.
Aħsbu kmieni għall-Booking.
Tel: 42093, 40183, 22254
Jew applikaw għand:
F. CORDINA & SONS
CORDINA SHOWROOM
Bishop Labini Street, Birkirkara

ĦSIEB SPIRITWALI

ŻEWĠ HIDMIET ĠODDA

Fl-aħħar ħarġa tal-gazzetta tagħna kont ħabbartilkom li sejrin nibdew tagħlim għall-kategoriji differenti tal-parruċċani tagħna. Dan it-tagħlim qiegħed isir darbtejn fix-xahar, nhar ta' Ġimgħa, fis-7.15 p.m., fis-Sala Parrokkjali, għażżgħażagħ, u tnejn oħra fix-xahar, nhar ta' Tlieta, preċiż wara l-quddiesa ta' filgħaxija, fil-Knisja, għall-kbar.

Waqt li qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn inħoss ċertu sodisfazzjon li fil-Parroċċa żidna żewġ hidmiet oħrajn ta' fejda għat-tagħlim tal-poplu, avolja aħna qatt ma konna neqsin mit-tagħlim għal min irid jitgħallem. Infatti, minbarra t-tagħlim tal- katekiżmu li jsir fil-Museum, fiċ-Ċirkoli ta' l-Azzjoni Kattolika, u mill-Legion of Mary, għat-tfal tagħna, minbarra l-laqgħat għall-imseħbin tagħhom li jagħmlu dawn l-istess Għaqdiet, hemm ukoll diversi laqgħat ta' tagħlim miftuħin għall-poplu in ġenerali: għal kulħadd, nhar ta' Ħadd, fis-7 p.m. fil-Bon Pastur, u oħra tal-Grupp Bibliku fl-istess post kull aħħar Erbgħa tax-xahar fis-7.00 p.m.; għan-nisa u xebbiet kull ewwel Ġimgħa fit-3 p.m. fil-Museum tal-bniet ;għall-ommijiet kull ewwel Erbgħa, fit-3 p.m. fl-Azz. Katt. tan-nisa; għall-ġuvintur, kull tieni Sibt fis-7.30 p.m. fil-Museum tas-subien; għall-irġiel u ġuvintur lejlet l-Ewwel Ġimgħa fit-8.30 p.m. fil-Każin San Gabrijel; għan-nisa, laqgħa ta' ġabra mid-9 sal-11 a.m., kull aħħar Erbgħa, fl-Azz. Katt. tan-nisa; u fl-aħħarnett kull nhar ta' Ħamis fis-6 p.m. fis-Sala Parrokkjali ssir laqgħa tal-Grupp Karismatiku, l-unika waħda tax-xejra tagħha f'Malta. Barra minn hekk, issir laqgħa kull xahar għall-ġenituri tat-tfal li qegħdin jithejjew għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma, u l-Azzjoni Kattolika qiegħda thejji laqgħa kull xahar għal kulħadd b'suġġetti tassew interessanti.

Kważi kważi jiġik li tgħid li għandna żżejjed. It-taljani jgħidu: "Troppa grazia". Imma aħjar hekk. Aħna qegħdin nagħmlu mill-aħjar li nistgħu. Min irid jitgħallem għandu ħafna okkażjonijiet. Fiż-żewġ lezzjonijiet ta' katekiżmu li saru sakemm qiegħed nikteb, kien hemm attendenza mhux ħażin. Nittama li aktar 'il quddiem jiżdied il-għadd ta' dawk li jaħsbu f'ruħhom bis-serjeta'.

Irrid fl-aħħar navżakom li minn issa 'l quddiem dan il-ħsieb spiritwali jibda jidher fil-Foljett Parrokkjali li beda jiġi ppubblikat minn Ottubru, biex hekk inħallu aktar wisgħa għall-artikoli ta' xejra ċivika f'din il-gazzetta.

Il-Kappillan

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Ingħaqdu mal-poplu ta' Alla bil-Magħmudija
Peter Vella, bin Victor u Doris.
Sarah Camilleri, bint Joe u Rosaire.
Jonathan Calleja, bin Charles u Amy.
Jacqueline Bajada, bint Manuel u Carmen.
Stephania Borg, bint Carmel u Pauline.
Karen Camilleri, bint Ralph u Marceline.
Alison Xuereb, bint Paul u Catherine.
Juliana Camilleri, bint Joe u Marisa.
Charmaine Bonett, bint Vincent u Doris.
Claudine Agius, bint Joe u Maureen.

Ingħaqdu fl-imħabba fiż-żwieġ nisrani
Raymond Victor Bonett u Helen Micallef.
Charles Azzopardi u Mariella Debattista.

Ittri lill-Editur

IL-KOPPLA TA' ĦAL BALZAN

Sur Editur,

Wara li qrajt id-deskrizzjoni tal-koppla ta' Ħal Balzan fl-artiklu ta' Dun Ġwann Dimech, li deher fil-ħarġa ta' Settembru/Ottubru, jiena nixtieq nagħmel daqsxejn ta' osservazzjoni rigward ix-xebh tal-koppla tagħna minn barra ma' dawk ta' Ħaż-Żebbuġ, tan-Naxxar, u ta' H'Attard. Dan ix-xebh tal-koppla tagħna ma' dawn li semmejna assolutament m'għandu x'jaqsam xejn.

Ir-raġuni hija li l-preġju tal-koppla huwa mhux għax hija ottagonali bħal ta' Ħaż-Żebbuġ, eċċ., għax rigward dan il-koppli tal-knejjes kollha ta' Malta huma ottagonali. Imma d-differenza bejn il-koppla tagħna u dawk ta' Ħaż-Żebbuġ, tan-Naxxar u ta' H'Attard, hija enormi. Nibda biex ngħid li t-tliet koppli li semmejna, u li huma l-istess, fihom infushom ma jispikka l-ebda stil, u ebda ordni arkitettoniku ma jippreżentaw. Meta tiddeskrivihom fl-okkjata esterna tagħhom tgħid: koppla forma sempliċi ta' kaxxa ottagonali, sproporzjonata fit-tul għax baxxa ħafna li tirrendiha fqira u monotona. Mentri l-koppla tagħna hija iżjed sinjorili u maestuża għax hija artistikament perfetta u arkitettonikament eżatta. Artistikament perfetta għaliex ma hemm xejn kontra l-arti u ma fiha xejn li joffendi l-għajn għax il-forma tagħha tirrendiha żvelta u ħajja. Arkitettonikament eżatta għaliex fl-ordni arkitettoniku hija t-tielet waħda, jiġifieri ordni 'ionico antico'. Għidt eżatta għaliex l-ordni huwa komplit, fil-pilastri ottagonali tagħha skond il-modulu, jiġifieri ibda miz-zokklatura, vaża, fusto, kapitell, arkitrav, friż u gwarniċun li fuqha tikkonkludi l-ordni bil-gastri sbieħ li jkomplu jornaw u jagħtu iżjed ħajja artistika lill-koppla.

Jiena naħseb li dak iż-żmien kienet waħda mill-isbaħ koppli. Nifhem li kif spjegajt, wieħed jista' jittendi d-differenza kbira tal-koppla tagħna minn dawk fuq imsemmija.

Kan. Dun Spir Sammut.

ITTRI LILL-EDITUR

ISQFIJIET LI GHEXU F'ĦAL BALZAN

Sur Editur,

Qrajt l-ittra tal-Professur J.L. Pace, M.D., B.Pharm., Ph.D., fejn qal li f'Ħal Balzan għexu rispettivament għal 25 sena u għal xi żmien l-Arċisqof Isqof Sir Pietru Pace, D.D., J.U.D., K.C.V.O., G.C.O.J. (9.4.1831 — 29.7.1914), li kien Isqof t'Għawdex (8.4.1877 — 10.2.1889) u Arċisqof-Isqof ta' Malta (11.2.1889 — 1914), u l-pronepputi tiegħu min-naħa ta' ommu s-sinjura Ċeċilja nee' Pace, l-Isqof t'Għawdex Ġużeppi Pace, D.D., J.C.D., Ph.D., G.C.O.J. (30.5.1890 — 31.10.1944 — 21.3.1972). Dan it-tieni Isqof, benefattur tiegħi, kien jiġi z-ziju ta' Professur ieħor Pace, irrid ngħid, J.B. Pace, M.D., B.Pharm., F.R.C.S., imsemmi għal nannuh is-Sur Ġanpatist Pace, ir-raġel ta' l-imsemmija Ċeċilja, missier u omm l-Isqof u naturalment ta' ħuh l-Avukat Luiġi (11.4.1897 — 11.8.1967), missier dal-Professur.

Il-Professur J. Leslie talab jekk kienx hemm xi Isqof ieħor li għex f'Ħal Balzan.

Isqof ieħor li, għalkemm twieled u miet fil-Belt Valletta fid-dar tal-familja t'ommu n-nobbli Annunzjata dei Marchesi Testaferrata Cassia, ġieli kien igħix f'Ħal Balzan, fejn il-familja ta' missieru kellha dar tal-vaganzi, li fiha, inċidentalment, għex fl-1848 il-Kardinal Gabriele Ferretti, kuġin u Segretarju tal-Istat tal-Papa Piju IX (1846-1878) minħabba l-inkwiet kostituzzjonali fl-Italja ta' Signor Giuseppe Mazzini (1805-1872) u ta' sieħbu l-Ġeneral Giuseppe Garibaldi (1807-1882), u li kien iqaddes fil-knisja tal-"Madonna tal-Mirakli" fil-limiti ta' Ħal Lija, fejn hemm ritratt tiegħu flimkien ma' rigal ta' bukkett magħmul minn imħar u arzell żgħir tal-baħar fis-sagristija ta' fuq, u kif naħseb li jafu ħafna Balzanin, kien Monsinjur Anton Grech Delicata, J.U.D. (23.2.1823-17.5.1867-31.12.1876) li ġie midfun fil-qabar tal-familja f'dil-Knisja Parokkjali. Monsinjur Grech Delicata kien Isqof t'Għawdex preċiż qabel Monsinjur Pietru Pace, u tiegħu hemm lapida mal-ħajt tal-pilastru ewlieni lemini t'isfel f'dil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan (ara n-Nru. 18, paġna 4 ta' dil-gazzetta), fejn għad hemm konservat il-kappell kbir aħdar pastorali tiegħu.

Chev. Joseph Borg,
K.M., Ph.C., L.P.,
Msida.

• minn paġna 1.

REFERENZI
1. DIMECH Ġ: Hal Balzan Nru. 25.
2. COCCO PALMIERI D: Visit. Past. Fol. 14
3. GIUSTI — BEMPORAD — Tutto su Atene Classica p. 298.
4. Ibid. Cit.
5. SETON LLOYD — World Architerture — Editor Trewin Copplestone p. 50.
6. DICTIONARY OF ARCHITECTURE p. 51

IL-MILIED IT-TAJJEB LILL-BALZANIN U L-QARREJJA TAGĦNA KOLLHA



Rokna ghat-tfal

Għeżież tfal,

Il-ħrafa ta' dan ix-xahar jekk tifhmuha sewwa u ma tinsewx it-tagħlima tagħha żgur li għad tiswielkom ta' ġid kbir tul ħajjitkom kollha.

Il-ħrafa hi din: Ċawla, għasfur iswed mingħajr l-ebda sbuħija, irnexxielha tisraq biċċa ġobon kbira u taret biha fuq siġra għolja fejn ħadd ma jkun jista' jeħodhielha.


Dak il-ħin għadda volpi, żaqqu niexfa bil-ġuħ, u x'ħin lemaħha fuq is-siġra bil-ġobon f'munqarha ġieħ ħsieb tajjeb kif jeħodhielha. Resaq lejn is-siġra, ħares 'il fuq, u x'ħin induna li ratu fetaħ fommu u qal: "Kemm hi sabiħa din iċ-ċawla; żgur li fost l-għasafar kollha m'hawnx isbaħ minnha. Jekk nismagħha ssaffar żgur li mmur ngħid l-għasafar kollha biex jagħżluha b'reġina tagħhom!!"

Biex turi kemm kellha vuċi sabiħa ċ-ċawla fetħet ħalqha, il-ġobon waqgħet ħdejn il-volpi u wara li kielha fetaħ fommu u qallha:— "Ja ċawla belha; jien imlejt żaqqi bil-ġobon u int imlejt żaqqek bit-tifħir".

Tfal għeżież, din il-ħrafa tiftħilkom għajnejkom biex intom toqogħdu wisq attenti minn xi wħud li jersqu lejkom u b'ħafna kliem ħelu jistudjaw kif iqarrqu bikom. Qisu li bniedem li ma tafuhx tmorru mkien miegħu u tieħdu qatt xejn mingħand min ma tkunux tafuh tajjeb. Kellu raġun Ġesù jgħidilna biex noqogħdu attenti mill-bnedmin għax ħafna kienu dawk li libsu ta' ħaruf biex jaħbu l-ħruxija tal-ħażen tagħhom.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Din id-darba l-kompetizzjoni hija tisliba. Intom għandkom timlew il-vojt skond ma għandkom hawn taħt. Meta tkunu mlejtu l-vojt kollu, minn fuq għal isfel, tat-tisliba fil-faxxi mmarkati bl-iswed għandkom issibu isem ta' oġġett li intom it-tfal u anke l-kbar iħobbu jaraw fil-ġranet tal-Milied, u min ikollu xi wieħed kbir u sabiħ jesponih għall-publiku. Għandkom ħila taqtgħu x'inhu?



1. Il-fliexken jingħalqu b'dawn.
2. Tista' tirbħu jekk tagħmel din il-kompetizzjoni.
3. Issir bħala preparazzjoni għall-festa tal-Milied.
4. Ġuda tah waħda lil Kristu.
5. Il-belt kapitali ta' Sqallija.
6. Soppa, soppa, u soppa.
7. Wieħed li jibni.
8. Dari f'Ħal Balzan kien hawn ħafna rġiel li kellhom dan l-isem.

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 20 ta' Diċembru, 1975.
NOTA: Tfal, il-kompetizzjoni weġbuha fuq karta oħra u b'hekk ma taqtgħux u tħassru l-gazzetta.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma: 1. San Franġisk; 2. Tinsab fi Triq il-Barriera fil-kantuniera tad-dar tad-Dingerju; 3. Għandu l-pala ta' idu x-xellugija nieqsa; 4. Fl-1768.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni hija Natalie Zarb, li toqgħod 6, Triq Sisner, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb li nibagħtuhulha.

LETTERATURA

FI HSIEBI

Poġġejt bil-qiegħda w ħarist lejha... Qalbi kienet qiegħda tfur bl-imħabba li kienet qed tixgħel ġo fija, għaliha! Ħassejtni nistordi. Moħħi ma kienx qed jaħdem normali. Bdejt nara ġol-fond ta' moħħi ġonna mżewqa bi fjuri w kuluri, b'għasafar, b'siġar ta' kull daqs u għamla... u f'nofshom, fil-ġmiel kollu tagħha, rajtha miexja, tħares daqqa 'l hawn u daqqa 'l hinn... u meta għajnejha bdew jaqgħu fuq il-fjuri jien rajthom ibaxxu rashom, sinjal li l-ġmiel tagħha kien jisboq lil tagħhom. L-għasafar, jittajru minn siġra għall-oħra, isaffru, ikantaw għalenija għax fl-aħħar sabu ruħhom quddiem stilla li ħarbet mill-univers, li waqgħet mis-sema biex tferraħ lilhom, biex iddawwal lid-dinja mudlama, lil xi qalb imnikkta li tagħraf tħobb... lil qalbi.

Quddiemi reġgħet feġġet ix-xbieha. B'għajnejja bdejt nara żlieġa w idi telgħet lejn wiċċi biex timsaħ id-demgħa li kienet qabżitli, sforz l-hena li bdiet għaddejja mill-vini w arterji li kienu jinsabu ġo ġismi. Imbagħad qomt minn ġo posti, b'pass kemm xejn imxengel, forsi għax kont, kif igħidu, skirt bl-imħabba, bi tbissima fuq wiċċi, fis-skiet u mingħajr għaġġla ħdejha jien mort inpoġġi.

Ir-raġġi tax-xemx li kienu deħlin mit-tieqa, miftuħa għaż-żiffa sħuna, għarqana sajfija, bdew jiżfnu u jaqbżu fuq kull oġġett ileqq li sabu quddiemhom. W imbagħad, f'daqqa waħda, mingħajr biss ma stennejtu, raġġ wieħed li ħarab lil ħutu tar biex jilgħab fuq il-ġmiel tal-kħula ta' għajnejha. Beda jilgħab w idur u jifrex is-seħer tiegħu, u kull meta beda jaqa' fuq il-ħabba ta' għajnejha, bi tbissima fuq xfaru, biex jinkini, beda jurini l-kuluri tal-qawsalla f'għajnejha. U jien bqajt tul ħajti, qalbi w imbagħad tbissmet u erġajt għixt.

Qalbi ddoqq bdiet, bħall-qniepen li jdoqqu fir-raħal żgħir tiegħi għall-festa, u ħassejtni kuntent, mistrieħ li fl-aħħar sibt serħan f'imħabba, li 'a jien u lanqas l-ikbar poeta ma jista' jfissirli. Erġajt ersaqt viċin il-ġisem ta' mħabbti, erġajt bdejt naħseb u nara dak kollu li bdejt nara ftit qabel. Xtaqt kieku nlaqqa' xufftejja ma' xoffitha, iżda bdejt nibża' li nkisser dak il-mument maġiku li kien għaddej minn ġo fina. Kuraġġ, kuraġġ, taqtax qalbek. Int tħobbha w hi tħobbok; għalhekk l-imħabba tagħkom itnejn uru b'xoffitkhom. Qiegħed nibża'... Tibża'? Min xiex? Tkunx iblah, issa huwa l-mument li turi l-istat li fih tinsab qalbek, ġismek, u kull rokna mistura ta' moħħok.

Nisma' minnek. Ersaqt bil-mod, bil-biża', bil-ħerqa, b'xewqa enormi, w erġajt ħarist lejn wiċċha, lejn ix-xemx tad-dinja tiegħi. Tajt

ESSAY TA' PAWLU MALLIA

inħares iċċassat, mitluf minn did-dinja, f'ġenna ta' mħabba, ta' ġmiel, kuntentizza w anke poeżija.

Mingħajr ma kont naf, mingħajr għaġġla, bħal bniedem li tilef id-dawl li bih jara, idi marret fuq wiċċha biex inħoss dak li bdew jaraw għajnejja. U qalbi bdiet tferfer u togħla x'ħin idi misset xufftejha. Bdiet tiżloq minn fuqha, w erġajt intlift fil-ħsibijiet sbieħ tiegħi. Ftaħt ħalqi ħa nkellimha, iżda waqaft. Għalfejn ridt nitkellem meta dak kollu li stajt ngħid b'ilsieni stajt ngħidu ferm aħjar b'għajnejja?.

F'daqqa waħda ħassejt demmi jiksaħ, l-għaraq beda nieżel ma' wiċċi, ma' jdejja u ma' kull rokna ta' ġismi hekk kif għadda l-ħsieb ta' firda minn moħħi, minn quddiem għajnejja. Ksaħt, w imbeżża', għajnejja, bil-mod, bdew jippruvaw ifittxu r-risposta tal-ħsieb li kien iberren ġo moħħi, minn għajnejha. Għajnejna ltaqgħu, waqfet, għal mument, ħarsa madwari, idejja daru madwar għonqha u xufftejja bil-mod, bil-ħrara niżlu fuq xoffitha. Ħassejt rasi ddur u tinqaleb, ħassejt demmi jbaqbaq u jfittex li joħroġ mill-pori ta' ġismi.

F'salt wieħed waqaft!... ksaħt!... Bqajt imbikkem għaliex xufftejha lanqas biss iċċaqalqu jew irrispondew għall-imħabba li offrejtilha. Għala?... Staqsejtha b'għajnejja. Iżda l-ebda tweġiba ma lissnet... U jien, bi ħrara, idejha qbadtilha f'idejja... Kiesħa, bħal xufftejha, qisha rħama. Idejja għaddew minn fuq ġisimha bil-għaġġla, bil-ħeffa. Iżda l-istess, kiesħa, mejta, w idejja madwar għonqha erġajt tfajt, u b'wiċċi fuq sidirha bdejt nolfoq u nibki mingħajr ħniena.

Imbagħad, f'daqqa waħda, daħlet ommi;

"Ibni," qaltli maħsuda, "x'int tagħmel imgħannaq ma' dik ix-xbieha tar-rħam li għadek kif lestejt tiskultura?"

VALLEY BUTCHER

121, VALLEY ROAD, BALZAN

FOR FIRST CLASS MEAT

AND SERVICE

Telephone: 42066

BEJNIETNA N-NISA

L-EWWEL SNIN TAŻ-ŻWIEĠ

Bħalma l-bini ta' dar soda u b'saħħitha jiddependi minn kemm huma tajba s-sisien li fuqhom hija mibnija, hekk ukoll iż-żwieġ jiddependi fuq kif nafu nibnuh fl-ewwel snin tiegħu.

It-tqegħid ta' dawn is-sisien sodi jiġi minn kemm aħna rridu jew kapaċi nifhmu lil xulxin. Xi jfisser tifhem? Il-Mara u r-Raġel huma maħluqin minn Alla differenti minn xulxin, mhux biss fil-forma tagħhom fiżika — ħaġa li jifhimha kulħadd — iżda huma differenti wkoll fil-mod kif jaħdem moħħhom u fl-attitudni tagħhom lejn il-ħajja. Dan ma jfissirx li għaliex huma differenti allura huma kontra xulxin. Ma jfissirx, per eżempju, li l-mara hija inferjuri għar-raġel. Id-differenzi li hemm bejniethom, l-istess bħall-każ ċar tad-differenzi fiżiċi, jagħmilhom komplimentarji għal xulxin.

Hemm ħafna differenzi oħrajn — bħal, ngħidu aħna, differenzi ta' edukazzjoni jew trobbija jew fl-ambjent li fih trabbew. Dawn id-differenzi kollha se jġibuhom magħhom il-mara u r-raġel li jingħaqdu fiż-żwieġ. Irridu niftakru wkoll li ċerti aspetti fundamentali fil-karattru tal-bniedem ma jinbidlux, u m'għandniex nistennew li jsir xi miraklu u nittamaw li ċerti aspetti li ma tantx jogħġbuna se jinbidlu wara ż-żwieġ. Hawn hi, mela, l-akbar sfida fl-ewwel snin taż-żwieġ: li l-koppja ġdida tistudja lil xulxin u tipprova kemm jista' jkun taddatta ruħha għal xulxin. Dan l-isforz, biex ikun suċċess u jipprovdi sisien għall-futur, irid ikun sforz sinċier miż-żewġ naħat.

La darba din hija kitba li hija aktar indirizzata lejn in-nisa, naraw naqra x'għandha tagħmel il-mara f'dan il-proċess ta' addattament. M'hemmx għalfejn noqogħdu nitkellmu dwar ċerti affarijiet li min jaf kemm-il darba smajtuhom, bħal, ngħidu aħna, l-importanza li l-mara żżomm ruħha tajjeb, kif għandha tilqa' lir-raġel meta jiġi lura mix-xogħol, eċċ, eċċ. Dawn huma affarijiet evidenti, bħalma hi evidenti li l-mara għandha tieħu interess fix-xogħol tar-raġel u tkun lesta li tisma' l-problemi li magħhom iħabbat wiċċu.

Waħda mill-affarijiet li nixtieq inwissi dwarhom lin-nisa hija li jkunu kemm jista' jkun indipendenti, jinqatgħu minn djul ommhom u jżommu l-problemi li jistgħu jinqalgħulhom — forsi anki xi tilwima mar-raġel — magħluqin fi djarhom. Il-kunjati, l-ommijiet u l-ġirien, kemm jista' jkun inħalluhom barra, għaliex ħafna drabi dawn aktar iżidu mal-problemi.

Evitaw ukoll il-ħbiberiji żejda, u ċerti kunfidenzi ma' xi ħbieb li kellkom qabel iż-żwieġ. Dawn ukoll jistgħu jwasslu għal problemi serji.

Ir-raġel ukoll irid jaddatta ruħu. M'għandux, pereżempju, jibqa' jgħix l-istess ħajja li kien jgħix meta kien ġuvni — jiltaqa' ma' ħbieb u jmur każini u jħalli l-mara d-dar.

Ma ninsewx li ż-żwieġ huwa Sagrament, li miegħu jġib il-grazzji kollha li għandna bżonn biex nibnu familja qaddisa u ferħana. Biex dawn il-grazzji jħallu l-frott, hemm bżonn ta' sinċerità u rieda tajba miż-żewġ naħat. Li wieħed jagħraf id-difetti ta' l-ieħor ma jfisirx li jikkritika, iżda li jkun jaf x'għandu jaċċetta u x'jista' jagħmel biex jaddatta ruħu għaċ-ċirkostanzi ġodda li l-miżżewġin friski jsibu rwieħhom fihom.

Dawn huma s-sisien sodi li fuqhom nistgħu nibnu l-ħajja miżżewġa tagħna kollha.

D.S.

SPORTS

minn Korrispondent

Għal darb'oħra ser nagħtu daqqa t'għajn min din il-gazzetta lejn il-logħob tal-futbol fir-raħal tagħna. Jiena u nikteb dan l-artiklu, wieħed irid igħid li t-timijiet tagħna, jiġifieri dak tar-Raba' Diviżjoni, ir-Reserve Team, u l-Minors, għandna riżultati tajba u ħżiena, iżda l-aktar li wieħed jinteressah huwa bla dubju t-tim tar-Raba' Diviżjoni.

Hawn wieħed irid igħid li forsi kulħadd stenna xi ħaġa aħjar. Bdejna l-ewwel riżultat bi draw, imbagħad kellna rebħa, u fl-aħħar telfa, iva forsi kontra wieħed mill-aqwa timijiet fis-Sezzjoni (St. Venera). Iżda qatt ma nasal li nemmen li għandna tim ħażin daqshekk illi naqilgħu tliet gowlijiet. Ħaġa illi nħoss tħassibni hija kif fil-logħob tal-'friendlies' nagħmlu logħbiet tajba u meta niġu għal-'league' kollox ħażin. Tgħid jaħkimna l-biża', jew minħabba nuqqas ta' training? La qed nitkellmu fuq it-training, nixtieq ngħid, forsi se nkun żbaljat, li minn wara t-telfa ta' St Venera sal-lum, jiġifieri nofs Novembru, il-plejers tar-Raba' Diviżjoni qatt ma niżlu għat-training. Dan mhux sewwa għax wara kollox baqa' ħafna logħob xi jsir u hemm ċans illi nirkupraw it-tliet punti distakk illi għandna.

Ħaġa oħra dwar il-logħba kontra St. Venera. Ma kenitx ħaġa kuraġġuża li sa l-ewwel kwarta taqla' żewġ plejers illi ma kenux f'sikkithom. Kieku weġġa' xi plejer, x'konna nagħmlu, nilagħbu l-għaxar plejers? Dawn il-punti għidthom sabiex għal darb'oħra wieħed joqgħod attent, u bla ebda ħsieb illi mmur kontra d-deċiżjoni tas-'Selection Board'. Għal-lum daqshekk; iżda qabel nagħlaq irrid inħeġġeġ għal aktar spirtu sabiex inkunu nistgħu niksbu riżultati aħjar fil-logħbiet li ġejjin.

KAŻIN TAL-BANDA — 'SAN GABRIEL' VILLA BALZAN — ĦAL BALZAN

Rendikont tal-festi esterni ta' Marija Annunzjata tal-parti ta' fuq tar-raħal.

DĦUL

Ġbir ta' kull nhar ta' Ħadd mill-5 ta' Jannir 1975 sat-22 ta' Ġunju 1975	£M152.89,0
L-aħħar ġabra għall-festa nhar il-Ħadd 29 ta' Ġunju 1975	£M 90.30,0
Ġbir għall-"King's Own Band"	£M 91.00,0
Ġbir għall-marċ ta' l-aħħar	£M 53.00,0
Mill-Każin tal-Banda għall-marċ ta' l-aħħar u għat-trasport tal-bandisti	£M 12.25,0
Kontribuzzjoni għall-wajers u holders għad-dawl elettriku ġdid ta' Triq id-Dritta	£M 33.00,0
TOTAL	£M432.44,0

ĦRUĠ

Programmi mill-Banda 'San Gabriel' fl-aħħar tat-tridu, lejlet il-festa u nhar il-festa, u marċ ta' wara l-purċissjoni	£M192.40,0
Programm mill-Banda "King's Own"	£M 75.00,0
Trasport tal-bandisti	£M 19.00,0
Kor "Pax Christi" ta' Ħal Għargħur għall-innu ta' lejlet il-festa	£M 12.00,0
Tenur għall-innu	£M 6.00,0
Stima lill-Kor	£M 3.25,0
300 lampa ta' l-elettriku għall-faċċata u l-kampnar tal-knisja	£M 28.50,0
Ħaxix għall-festuni	£M 7.00,0
Żewġ antarjoli ġodda	£M 20.00,0
Saratizz għall-kolonna	£M 1.00,0
Santi u envelops għall-aħħar ġabra	£M 90,0
Stima lil dawk li rmaw il-faċċata tal-knisja	£M 85,0
Lit-tfal li żammew il-katuba u l-lampi fil-marċi	£M 2.00,0
Wajers, holders, adapters, passiperla u affarijiet oħra	£M 53.50,0
Konsum ta' l-elettriku tat-toroq	£M 10.78,5
	£M432.18,5
Bilanċ	25,5
	£M432.44,0

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,

NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644